# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **912/2021 AD**

## ALESIO MUSCAT (KI 435176M)

**VS**

## (1) SEGRETARJU PERMANENTI PRINĊIPALI
## (2) IL-MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI

**U B'DIGRIET TAT-18 TA' JANNAR 2022 ŻDIED IL-KLIEM *"U SPORT"* WARA *"IL-MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI"***

## (3) SEGRETARJU PERMANENTI, MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tlettax (13) t'Ottubru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija talba sabiex din il-Qorti tistħarreġ jekk id-deċiżjoni illi permezz tagħha r-rikorrent ma ngħatax impjieg fuq bażi indefinit itteħditx bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew a bażi tal-

prinċipji ġenerali tad-dritt li jipproteġi lill-individwu minn aġir diskriminatorju u/jew abbużi mill-Istat jew l-organi tal-Istat;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat datat erbatax (14) ta' Settembru 2021, **<u>Alesio Muscat</u>** ippremetta:

   a. *Illi l-esponenti kien ngħata contract of service maħruġ mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u Impjieg u dan fis-sena elfejn u tmintax (2018) u liema contract of service hawn anness u mmarkat bħala Dok A baqa' jingħata lill-esponenti għas-snin sussegwenti u dan għall-iskop "to provide tuition services in welding and fabrication at the Alternative Learning Programme"*;

   b. *Illi minkejja li l-impjieg tal-esponenti huwa ddikjarat bħala self-employed pero l-esponenti jissodisfa r-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Standard Nazzjonali dwar l-Istatus tal-Impjieg (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.108), taħt liema regolament l-esponenti jissodisfa minn ta' l-anqas ħames mit-tmien kriterji determinati fl-istess liġi u li konsegwentement l-istess liġi tikkunsidra illi r-relazzjoni fejn l-esponenti u l-Ministeru għall-Edukazzjoni hija preżunta bħala waħda t'impjieg b'kuntratt indefinit;*

   c. *Illi permezz ta' ittra legali mibgħuta mill-esponenti lill-konvenut Ministru tal-Edukazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dok B l-esponenti talab sabiex jingħata formalment l-impjieg fuq bażi indefinita ai termini tal-liġi hawn fuq imsemmija;*

   d. *Illi l-konvenut Ministeru għall-Edukazzjoni ċaħad mingħajr raġuni valida u bi ksur tal-Liġi Standard Nazjzonali dwar l-Istatus tal-Impjieg (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.108) liema rifjut ġie notifikat lill-esponenti permezz ta' e-mail datata 15 ta' Marzu 2021 hawn annessa*

*u mmarkata bħala Dok C li fiha l-istess Ministeru annetta ittra datata 29 ta' Jannar 2021 hawn annessa bħala Dok D u dan stante il-fatt illi l-istess ittra qatt ma ġiet notifikata lill-esponenti;*

e. *Illi l-esponenti permezz ta' ittra legali datata 22 ta' Frra 2021 interpella lill-konvenut Segretarju Permanenti Prinċipali u dan sabiex ma tibqax tiġi miksura l-liġi u sabiex l-esponenti formalment jingħata l-impjieg fuq bażi definit* (recte: indefinita) *liema ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok E;*

f. *Illi permezz ta' ittra datata 8 t'April 2020, il-konvenut Segretarju Permanenti Prinċipali ċaħad it-talba tal-esponenti u dan kif jidher mill-ittra hawn annessa u mmarkata bħala Dok F;*

g. *Illi din id-deċiżjoni hija waħda inġusta, irraġonevoli kif ukoll li tmur kontra l-liġi u dan peress illi l-esponenti ai termini tal-istess liġi sussidjarja huwa diġa preżunt bħala impjegat fuq bażi indefinita;*

h. *Illi tali deċiżjoni tfisser illi l-esponenti mhux jingħata l-kundizzjonijiet t'impjieg applikabbli skont il-liġi. Illi fl-umli fehma tal-esponenti d-deċiżjoni meħuda mill-konvenuti hija irregolari u dan stante illi (a) tikkrea ħsara u danni mingħajr ġustifikazzjoni u (b) tmur kontra l-liġi;*

3. Għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 469A (1)(b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew a bażi tal-prinċipji ġenerali tad-dritt li jipproteġu lil individwu kontra aġir diskriminatorja u/jew abbuż mill-Istat jew l-organi tal-Istat, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti:

   i. *Tiddikjara l-aġir tal-konvenuti bħala abbużiv u illegali;*

   ii. *Tordna illi d-deċiżjoni de quo tiġi mħassra;*

   iii. *Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex l-esponenti jitpoġġa fl-istatus suriferit skont il-liġi;*

iv. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti bħala riżultat tal-aġir abbużiv u illegali de quo;*

v. *Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu l-istess danni hekk likwidati minn din il-Qorti lill-esponenti;*

Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali anċidenti dawn il-proċeduri ai termini tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sebgħa (7) t'Ottubru 2021, din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu u jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tad-difiża tagħhom, filwaqt illi ordnat lir-rikorrent sabiex sa ġimgħatejn qabel is-seduta jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba, jekk mhux ġia preżentati. Il-kawża ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar il-Ġimgħa, dsatax (19) ta' Novembru 2021;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2021, il-konvenuti **Segretarju Permanenti Prinċipali, il-Ministru għall-Edukazzjoni, u s-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni** eċċepew:

   a. *Illi preliminarjament, l-attur kellu rimedju għal-lanjanza tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali, li ma jidhirx li użufruwixxa minnu u eżawrixxa, u għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 469A(4), dan jikkostitwixxi preġudizzjali* (sic) *għall-azzjoni odjerna;*

   b. *Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-Segretarju Permanenti Prinċipali u l-Minstru tal-Edkuazzjoni ma humiex il-leġittimi kuntradituri, u dan stante li ai termini tal-artikolu 17(8) tal-Kap 595 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru konċernat li għandu r-rappreżentanza legali tal-Ministeru konċernat, li f'dan il-każ huwa diġa' ċitat fil-ġudizzju;*

c. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, irid jiġi stabilit jekk din il-kawża saret entro t-terminu li jrid l-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jingħad stante li jidher illi, almenu mill-atti promoturi, intbagħtet ittra mill-attur f'Jannar 2021 (bla data, Dok B anness mar-Rikors Maħluf), li ġiet imwieġba fid-29 ta' Jannar 2021 (Dok D anness mar-Rikors Maħluf) u l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-14 ta' Settembru 2021;*

d. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-pretensjoni ta' l-attur, sa fejn tikkonċerna kwistjoni ta' impjieg, taqa' fil-parametri ta' l-Artikolu 469A(6), li jgħid illi ebda Liġi li tirregola kwistjonijiet ta' impjieg ma huma applikabbli meta si tratta dwar kundizzjonijiet ta' impjieg jew kuntratti ta' impjieg jew kuntratti għal servizzi mal-Gvern, sakemm tali Liġi ma tipprovdix xort'oħra. Għalhekk ukoll, l-azzjoni attriċi għandha tfalli;*

e. *Illi m sar ebda att amministrattiv f'dan il-każ u għalhekk ma hemm ebda lok ta' reviżjoni ta' att jew għemil amministrattiv a tenur tal-artikolu 469A fin-nuqqas li jsir tali att;*

f. *Illi mingħajr preġudizzju għall-ħames eċċezzjoni, anke li kieku kellu jiġi aċċettat li seħħ xi għemil amministrattiv, l-Artikolu 469A(2) jeskludi kull miżura meħuda għall-organizzazzjoni interna jew amministrazzjoni ta' l-istess awtorita' – l-eċċepjenti jifhmu li l-kwistjoni ta' dħul ta' impjegati mal-Gvern (jekk dan il-każ hekk jista' jiġi kklassifikat) jikkostitwixxi fih innifsu l-eżerċizzju ta' organizzazzjoni u amministrazzjoni interna ta' riżorsi umani, u għaldaqstant taqa' taħt din l-eċċezzjoni u kwindi ma hemmx lok għal din ir-raġuni, għal reviżjoni ai termini tal-Artikolu 469A;*

g. *Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur tqabbad bħala provditur ta' servizz estern, u fil-kuntratt ta' impjieg tiegħu huwa indikat b'mod ċar illi b'ebda mod ma hi qed titnissel relazzjoni kuntrattwali ta' impjegat u min jimpjega. Għaldaqstant, b'ebda mod ma jista jippretendi l-attur li jiġi meqjus bħala impjegat tal-Gvern;*

h. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċepjenti ma għamlu xejn li jista' jitqies abbużiv u illegali, jew li ddiskriminaw b'xi mod kontra l-attur, b'dan għalhekk li m'għandux ikun hemm lok li l-ewwel tliet talbiet jintlaqgħu;*

i. *Illi lanqas ma għandhom l-eċċepjenti jiġu kkundannati jħallsu xi danni lill-attur, liema allegat danni l-attur għandu jġib l-aħjar prova dwarhom kif trid il-Liġi;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

Bl-ispejjeż;

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat erbatax (14) ta' Settembru 2021 u d-dokumenti annessi miegħu, cioe (a) *contract of service* immarkat **Dok A** a fol 6 *et seq* tal-proċess; (b) ittra legali mibgħuta lill-Ministru għall-Edukazzjoni immarkata **Dok B** a fol 13-14 tal-proċess; (c) *e-mail* datata ħmistax (15) ta' Marzu 2021 mibgħuta mill-Ministru għall-Edukazzjoni, immarkata **Dok C** a fol 15 tal-proċess; (d) ittra legali datata disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2021 annessa mal-*e-mail* datata ħmistax (15) ta' Marzu 2021, immarkata **Dok D** a fol 16-17 tal-proċess; (e) ittra legali mibgħuta lis-Segretarju Prinċipali Permanenti, immarkata **Dok E** a fol 18-19 tal-proċess; (f) ittra datata tmienja (8) t'April 2020, immarkata **Dok F** a fol 20 tal-proċess;

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati datata sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2021;

8. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Alesio Muscat** immarkat **Dok AM1** a fol 33 *et seq* tal-proċess;

9. Rat id-digriet tagħha stess mogħti waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar 2022, illi permezz tiegħu ġiet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju u fl-atti kollha sussegwenti fejn jidhru l-kliem *Ministru għall-Edukazzjoni* jew *Ministeru għall-Edukazzjoni* sabiex jiżdied il-kliem warajhom "*u Sport*";

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Diane Vella Muscat** prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar 2022[1], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok DVM1** (a fol 45 *et seq* tal-proċess) u **Dok DVM2** (a fol 48 tal-proċess);

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Mark Vella**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar 2022[2];

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Francis Fabri**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju 2022[3];

13. Rat l-affidavit ta' **Maria Galea** a fol 79-80 tal-proċess;

14. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrent li juru l-eżenzjonijiet li ngħataw mid-DIER fis-snin 2019 u 2020, liema eżenzjonijiet jinkludu lill-attur (a fol 86-87 tal-proċess);

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Diane Vella Muscat**, prodotta mill-intimati in kontro-eżami, waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2022[4];

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent **Alesio Muscat**, prodott mill-intimati in kontro-eżami, waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2022[5];

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Diane Vella Muscat**, prodotta għal darb'oħra mir-rikorrent in eżami, waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24)

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 41 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 49 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 63 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 91 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 96 *et seq* tal-proċess

ta' Frar 2023[6], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok DVM1** a fol 121 *et seq* tal-proċess;

18. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata ħamsa u għoxrin (25) t'April 2023, a fol 126 *et seq* tal-proċess;

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata sebgħa u għoxrin (27) t'April 2023, a fol 134 *et seq* tal-proċess;

20. Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza;

21. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

22. Ir-rikorrent oriġinarjament iffirma *Contract for Service*[7] mal-Ministeru għall-Edukazzjoni kif rappreżentat mis-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru, *"to provide tuition services in Welding for the Alternative Learning Programme (A.L.P.) within the Ministry for Education and Employment"* għall-perjodu bejn it-23 ta' Settembru 2018 u l-5 ta' Lulju 2019. Konsegwentement, ir-rikorrent iffirma wkoll *Contract for Service* f'Awwissu 2019 għall-perjodu 2019-2020, u *Contract for Service* f'Awwissu 2020 għall-perjodu 2020-2021;

23. Ir-rikorrent isostni illi għalkemm m'huwiex għalliem, huwa qed jagħmel xogħol identiku għall-kollegi tiegħu, u ikkunsidrat il-fatt illi huwa jissodisfa l-kriterji tar-Regolament 3(1) tal-L.S. 452.108, huwa għandu jitqies bħala impjegat, u mhux bħala *self-employed* b'*Contract for Service* kif effettivament huwa kkunsidrat preżentement;

---

[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 110 *et seq* tal-proċess

[7] Vide **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 6 *et seq* tal-proċess

24. Madanakollu, permezz ta' ittra mibgħuta *Mingħajr Preġudizzju* datata 29 ta' Jannar 2021 u spedita lil-legali tar-rikorrenti nhar il-15 ta' Marzu 2021, ir-rikorrent ġie informat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni illi huwa ġie ingaġġat bħala *trainer*, u mhux bħala impjegat fir-rwol ta' għalliem fejn huma meħtieġa kriterji oħra stabiliti, b'dana illi għalhekk ir-rwol tiegħu ma jistax jiġi komparat ma' dak t'għalliem;

25. Bil-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni komunikata lilu fl-ittra datata 29 ta' Jannar 2021.

## A. <u>Eċċezzjoni Preliminari dwar Leġittimu Kontradittur</u>

26. Fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi s-Segretarju Permanenti Prinċipali u l-Ministru tal-Edukazzjoni ma humiex il-leġittimi kontradittur, stante li ai termini tal-Artikolu 17(8) tal-Kap 595 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru konċernat li għandu r-rappreżentanza legali tal-Ministeru konċernat;

27. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***L-Avukat Dr James Scicluna noe vs Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi***[8]

> *15. Illi biex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le l-leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, hija trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna mħarrka kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li twassal biex inħolqu r-rabtiet jew effetti fuq il-parti mħarrka illi kellha twieġeb għalihom (ara* **Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru Għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Jannar, 2020). Fi kliem ieħor, biex persuna titqies li hija l-kontradittur leġittimu, jeħtieġ*

[8] Rik Nru 22/2022/1, Qorit tal-Appell (Superjuri), 25 ta' Mejju 2023

*li jiġi muri min-naħa ta' min qed jipproponi l-kawża, li l-azzjoni tiegħu ma tistax tissokta fl-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dik il-persuna li tinsab imħarrka (ara* ***Francis Portelli et v. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr. Angelo Farrugia et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2018).*

28. L-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

*181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*
*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*
*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*
*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat tal-Istat u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun*

> *konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat tal-Istat. In-notifika lill-Avukat tal-Istat ssir bla ħlas lir-reġistratur.*

29. In oltre, imbagħad, l-Artikolu 17(8) tal-Kap 595 tal-Liġijiet ta' Malta, ċitata mill-intimati, jistabbilixxi illi:

> *(8) Is-Segretarju Permanenti jkun ir-rappreżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attivita' tal-Ministeru li għalih ikun assenjat.*

30. Dwar dan il-provvediment tal-liġi, ingħad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat Dr James Scicluna noe vs Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi*** suċitata:

> *20. Illi din ir-regola ġenerali mnissla mill-**Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li Ministru m'għandux jitħarrek f'kawżi kontra l-Gvern, ma tgħoddx iżda meta l-attur ikun qiegħed jitlob li tiġi mistħarrġa deċiżjoni amministrattiva li tkun ingħatat mill-Ministru stess.*

Evidentement, għalhekk, f'kawża intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(8) tal-Kap 595 m'għandux jiġi kkonsidrat *in vacuo*, iżda għandu jiġi kkonsidrat fid-dawl tad-deċiżjoni illi tkun qiegħda tiġi mistħarrġa, senjatament fid-dawl tal-persuna illi tkun ħadet l-istess deċiżjoni;

31. M'hemm l-ebda dubju illi s-Segretarju Permanenti Prinċipali ma kellu l-ebda rwol fil-każ odjern, għajr illi rrisponda għal ittra illi ġiet spedita lilu mir-rikorrent wara illi r-rikorrent kien bagħat ittra lill-Ministeru għall-Edukazzjoni

u baqa' bla risposta[9]. Din il-Qorti ngħatat l-impressjoni fir-rikors promotur illi r-rikorrent qed jikkonsidra wkoll bħala "egħmil amministrattiv" għall-fini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 l-ittra spedita lilu mis-Segretarju Permanenti Prinċipali, f'liema ittra ġie spjegat, *"Irid jingħad li t-talba mressqa fl-ittra tagħkom, fis-sens li l-persuni jinqalbu fuq kuntratt indefinit, tmur kontra l-Kostituzzjoni u l-liġijiet u r-regoli li jirregolaw lis-Servizz Pubbliku. Nifhem li kuntrarjament għal dak li ntqal fl-ittra tagħkom, il-Ministeru konċernat diġa' għarrafkom b'dan."* Din il-Qorti tinnota illi s-Segretarju Permanenti Prinċipali qiegħed b'hekk jagħmel referenza għal-ittra spedita lir-rikorrent mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport), u sempliċiment jafferma l-kontenut tagħha, iżda mhu qed iwettaq l-ebda egħmil amministrattiv ieħor. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom għandha tintlaqa' f'dak illi jirrigwarda s-Segretarju Permanenti Prinċipali;

32. F'dak illi jirrigwarda l-Ministru għall-Edukazzjoni u Sport, din il-Qorti rat illi l-ittra datata 29 ta' Jannar 2021[10] hija, skont il-*letterhead*, maħruġa mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, u l-ittra tgħid illi *"[...] dan il-Ministeru jippreċiża [...]"*. Hekk ukoll fil-kuntratti annessi mar-rikors promotur, is-Segretarju Permanenti deher in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Edukazzjoni[11]. Għaldaqstant jirriżulta illi l-Ministru lanqas kellu rwol, la fl-iffirmar tal-kuntratt, u lanqas fid-deċiżjoni illi r-rikorrent qed isostni illi tikkostitwixxi "egħmil amministrattiv" għall-fini tal-kawża odjerna. Konsegwentement, din il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom għandha tintlaqa' wkoll f'dak illi jirrigwarda l-Ministru għall-Edukazzjoni u Sport;

33. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra **tilqa'** l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, u sejra

[9] Vide **Dok F** annessa mar-rikors promotur, a fol 20 tal-proċess
[10] Vide **Dok D** anness mar-rikors promotur, a fol 16 tal-proċess
[11] Vide **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 6 *et seq* tal-proċess

tillibera lis-Segretarju Permanenti Prinċipali u lill-Ministru għall-Edukazzjoni u Sport mill-osservanza tal-ġudizzju.

**B. <u>Eċċezzjoni Preliminari illi l-Azzjoni hija perenta fit-termini tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12</u>**

34. L-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.*

35. Fit-talbiet kontenuti fir-rikors ġuramentat, ir-rikorrent jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni illi permezz tagħha r-rikorrent ġie informat illi ma setax jingħata formalment impjieg fuq bażi indefinita għandha tiġi mistħarrġa fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

36. L-Artikolu 469A(3) ma jeħtieġ l-ebda spjegazzjoni għaliex huwa ċar: azzjoni fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(i) sa (iv) trid issir fi żmien sitt xhur minn meta r-rikorrent seta' sar jaf, jew sar jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv. Madanakollu, tqum il-kwestjoni dwar <u>minn meta</u> għandhom jibdew jiddekorru s-sitt xhur. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Ragonesi & Company Limited pro et noe vs Korporazzjoni Enemalta et***[12]:

> *[...] L-ewwel m'għandu jiġi osservat huwa li dan it-terminu huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' sempliċi preskrizzjoni. (Ara sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Zamboni noe v Id-Direttur tal-Kuntratti et*** *hawn qabel ċitata). Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż*

[12] Rik Nru 910/2006, Qorti tal-Appell (Superjuri), 24 t'a Novembru 2017

*bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Għalhekk atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu tajbin biex jinterrompu perjodu preskrittiv, jew il-fatt li tkun għaddejja korrispondenza jew li ssir diskussjoni bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv, ma jservi xejn biex jinterrompi l-perjodu ta' sitt xhur imsemmija fil-liġi. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Settembru 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***Co-Op Services Limited v. Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku*** *u dik tat-23 ta' Novembru 2011 fil-kawża fl-ismijiet* ***Abdel Hamid Alyassin v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et****).*

*In kwantu għall-kwistjoni ta' minn meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' sitt xhur stipulat fl-artikolu in eżami, dan jipprovdi li jibda għaddej minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf (skont liema jiġi l-ewwel) b'dak l-għemil amministrattiv li jkun qiegħed jilmenta dwaru. L-Artikolu 469A(3) ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur isir jaf bid-deċiżjoni amministrattiva. Kieku l-leġislatur kellu intenzjoni li dan il-perjodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna tiġi milquta b'ordni amministrattiva tiġi informata b'mod uffiċjali u bil-miktub, ċertament il-leġislatur kien jagħmilha espliċita. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ġunju 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***Denis Tanti v. Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et****).*

37. Fil-każ odjern, ir-rikorrent isostni illi huwa rċieva l-ittra mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni permezz ta' *e-mail* spedita lil-legali tiegħu nhar il-ħmistax (15) ta' Marzu 2021[13]. L-ittra nnifisha, iżda, hija datata disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2021[14]. L-intimat isostni illi l-perjodu ta' sitt xhur għandu jibda jiddekorri mid-disgħa u għoxrin

[13] Vide **Dok C** a fol 15 tal-proċess
[14] Vide **Dok D** a fol 16 tal-proċess

(29) ta' Jannar 2021, filwaqt illi r-rikorrent jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi huwa ma rċieva l-ebda risposta għall-ittra tiegħu qabel l-*e-mail* tal-ħmistax (15) ta' Marzu 2021[15], b'dana illi għalhekk is-sitt xhur għandhom jibdew jiddekorru minn dakinhar;

38. Din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa r-rikorrent illi għandu raġun f'dan ir-rigward. Fl-aħħar paragrafu tal-ittra mibgħuta mir-rikorrent li s-Segretarju Permanenti Prinċipali nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2021[16], ir-rikorrent qal, *"Illi din it-talba qed titressaq lilek wara li ġiet indirizzata lill-Onor Ministru Caruana u lis-Segretarju Permanenti Dr Fabri pero' baqgħu mingħajr tweġiba."* In oltre, fl-*e-mail* mibgħuta fil-ħmistax (15) ta' Marzu 2021, l-Av Amanda Spiteri Grech tgħid, *"Ġibdulna l-attenzjoni li ijsta' jkun ma rċevejtux korrispondenza tagħna li ntbgħatet* (sic)*. Ta' dan niskużaw ruħna."* Ma jirriżultax għalhekk lil din il-Qorti illi r-rikorrent seta' kien jaf bid-deċiżjoni tal-Ministeru qabel irċieva l-ittra permezz tal-*e-mail* spedita nhar il-ħmistax (15) ta' Marzu 2021, u jidher illi saħansitra anke l-Ministeru kien konxju ta' dan il-fatt, kif evidenti mill-kontenut tal-istess *e-mail*;

39. Din il-Qorti għalhekk tqis illi l-perjodu ta' sitt xhur kellu jibda jiddekorri mill-ħmistax (15) ta' Marzu 2021, b'dana illi għalhekk ir-rikorrent kellu perjodu sal-ħmistax (15) ta' Settembru 2021 sabiex jintavola l-kawża odjerna. Jirriżulta mit-timbru fuq ir-rikors promotur illi l-kawża odjerna ġiet intavolata nhar l-erbatax (14) ta' Settembru 2021, u konsegwentement ma tistax għalhekk din l-azzjoni titqies illi ġiet ippreżentata *fuori termine*;

40. Din il-Qorti sejra għalhekk **tiċħad** l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat fit-tielet paragrafu tar-risposta tiegħu.

## C. Eċċezzjonijiet Preliminari fit-termini tal-Artikolu 469A(4) u tal-Artikolu 469A(6)

[15] Vide para 21 fl-affidavit tiegħu, a fol 36 tal-proċess

[16] Għalkemm din id-data ma tirriżultax mill-kopja tal-ittra annessa mar-rikors promotur u mmarkata **Dok E** a fol 18 tal-proċess, is-Segretarju Permanenti Prinċipali, fl-ittra tiegħu, jagħmel referenza għall-ittra tar-rikorrent *"tat-22 ta' Frar, 2021"* (Vide **Dok F** a fol 20 tal-proċess)

41. Fl-ewwel paragrafu tar-risposta tiegħu, l-intimat isostni illi l-attur kellu rimedju għal-lanjanza tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali, u għaldaqstant, fit-termini tal-Artikolu 469A(4), dan jikkostitwixxi preġudizzjali għall-azzjoni odjerna. L-Artikolu 469A(4) jistabbilixxi illi:

> *(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.*

42. In oltre, imbagħad, fir-raba' paragrafu tar-risposta tiegħu, l-intimat jeċċepixxi illi sa fejn il-pretensjoni tal-attur tikkonċerna kwistjoni ta' impjieg, taqa' fil-parametri tal-Artikolu 469A(6), li jgħid:

> *(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra.*

43. Din il-Qorti sejra tikkonsidra dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari flimkien, stante illi l-konsiderazzjonijiet dwar waħda jolqtu wkoll il-konsiderazzjonijiet dwar l-oħra;

44. Mix-xhieda ta' **Dr Francis Fabri**[17] irriżulta punt illi din il-Qorti tqis illi huwa kardinali fil-każ odjern:

[17] A fol 64-65 tal-proċess

*Contract for service, jekk nista' niċċara, contract for service kif kellu s-Sur Muscat huwa xiri ta' servizz marbut ma' ħin u numru ta' kriterji speċifiċi jiġifieri qed nixtru servizz u mhux qiegħed tħaddem jew tingaġġa impjegat.*

*Contract of service iva jkun ingaġġ ta' xogħol dirett, ikun hemm relazzjoni bejn min iħaddem u min jaħdem, contract of service.*

*F'dan il-każ contract for service hija eżentata r-relazzjoni bejn min iħaddem u min jaħdem.*

45. Din ix-xhieda hija wkoll konfortata mill-fatt illi l-*Contract for Service* iffirmat mir-rikorrent għal tliet snin konsekuttivi jispeċifika b'mod ċar illi, *"This Agreement shall not create any relationship of employer / employee."*[18] Hekk ukoll, il-***Manual on Resourcing Policies and Procedures***[19] illi jirregola l-impjieg fis-Servizz Pubbliku jagħmel l-istess distinzjoni:

***4.1 Contracts for Service as Distinct from Contracts of Service***

*Contracts for Service are distinct from Contracts of Service (Employment).*

***4.1.1***

*Contracts for Service enable Ministries to purchase/procure a service, subject to the Public Procurement Regulations*

[18] A fol 7 tal-proċess
[19] < https://publicservice.gov.mt/en/Documents/Public%20Service%20Management%20Code/ PSMC%20Manuals/Manual_on_Resourcing_Policies_and_Procedures.pdf > 30 ta' Marzu 2023

*(http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=9532&l=1), when existing resources are not available to provide the service. As a general rule, the service is to be provided within a given time frame and the service provider is to comply with fiscal obligations.*

***4.1.2***

*On the other hand, contracts of service/employment are contracts regulating the employment relationship between an employer and his/her employee.*

46. Huwa evidenti għalhekk illi, bil-konsapevolezza tar-rikorrent, ir-relazzjoni bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport u r-rikorrent ma kinitx waħda ta' impjegat u min jimpjega, iżda ta' kuntrattur imqabbad mill-Ministeru sabiex jippresta servizz;

47. L-Artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara illi t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeċiedi każijiet dwar tkeċċija inġusta, talbiet dovut lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz (fil-verżjoni Ngliża, *"contract of service"*), u każijiet oħra li jistgħu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali fit-termini tat-Titolu 1 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 84 jistabilixxi mbagħad illi:

*84.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, u bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali li jinsabu fih dwar uffiċjali pubbliċi, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, barra mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 69 u 72 u mid-dispożizzjonijiet dwar it-tkeċċija jew tmiem ta' impieg, għandu jkollhom effett dwar impieg mal-Gvern u għal ħaddiema li huma impjegati tal-Gvern kif għandhom effett dwar impieg ieħor u ħaddiema oħra. Id-*

*dispożizzjonijiet esklużi b'dan is-subartikolu ma japplikawx għal impjegati tal-Gvern ħlief kif jista' jkun provdut bis-saħħa tal-artikolu 48(1).*

*(2) F'dan l-artikolu "impieg mal-Gvern" tfisser impieg taħt jew għall-finijiet ta' dipartiment tal-Gvern, barra minn impieg bħala membru ta' forza dixxiplinata, u "impjegat tal-Gvern" tfisser persuna li għal dak iż-żmien tkun f'impieg mal-Gvern.*

48. Huwa evidenti għalhekk illi gialadarba l-każ odjern ma jirrigwardax relazzjoni ta' impjieg u min jimpjega, ir-rikorrent ma setax ikollu rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali, stante illi t-Tribunal Industrijali jiddetermina relazzjonijiet t'impjieg, u mhux relazzjoni kuntrattwali b'*contract for service* bħal dak mertu ta' din il-kawża. Konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat għandha, fil-fehma ta' din il-Qorti, tiġi respinta;

49. In oltre, imbagħad, in kwantu l-Artikolu 469A(6) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel referenza għal *"servizz mal-Gvern"*, mingħajr ma tidħol fl-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu mill-Qrati Maltin tul is-snin, din il-Qorti għar-raġunijiet premessi tirrileva wkoll illi din l-eċċezzjoni lanqas tista' tirnexxi, ikkunsidrat il-fatt illi l-każ in eżami, *in primis,* ma jirrigwardax impjieg jew *contract of service*, iżda *contract **<u>for</u>** service*;

50. Din il-Qorti sejra għalhekk **<u>tiċħad</u>** ukoll dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimat.

## D. <u>Eċċezzjoni dwar in-Nuqqas t'Att jew Għemil Amministrattiv</u>

51. L-Artikolu 469A jiddefinixxi *"egħmil amministrattiv"* bħala *"il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi*

*persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità"*;

52. Fil-ħames paragrafu tar-risposta tiegħu, l-intimat isostni illi ma sar ebda att amministrattiv f'dan il-każ, filwaqt illi fis-sitt paragrafu tar-risposta tiegħu, jeċċepixxi illi l-Artikolu 469A(2) jeskludi kull miżura meħuda għall-organizzazzjoni interna jew amministrazzjoni tal-istess awtorita', stante illi l-kwistjoni ta' dħul ta' impjegati mal-Gvern jikkostitwixxi eżerċizzju ta' organizzazzjoni u amministrazzjoni interna ta' riżorsi umani;

53. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Camilleri et vs Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati et***[20]:

> *Illi fid-duttrina dawn l-atti magħmula bil-għan ta' organiżżazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorita' iżżomm ċerta ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. B'dan li fejn tali miżura tilħaq ċerta livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il-miżura tidħol fit-territorju ta' għamil amministrativ li dwaru l-Qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrġu;*
>
> *[...]*
>
> *Illi, b'żieda ma' dan, hija l-fehma sħiħa ta' din il-Qorti li meta jitressaq quddiemha każ ta' stħarriġ ġudizzjarju li dwaru titqajjem eċċezzjoni bħal dik li dwarha qiegħda tingħata din is-sentenza, ikun pass għaqli li tqis mhux biss l-għamil kif ikun jidher mad-daqqa t'għajn, imma wkoll x'inhu l-ilment dwar tali għamil. Dan jingħad għaliex jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irraġonevoli ta' xi*

[20] Ċit Nru 1087/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 26 t'Ottubru 2010 (in ġudikat)

*diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (jiġifieri għamil ultra vires), jaqa' fuq il-Qorti d-dmir li tistħarreġ dak il-każ għaliex il-kwestjoni ma tibqax waħda ta' "sempliċi" organiżżazzjoni jew tmexxija interna, imma waħda li tolqot fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrativ li jkun;*

54. Spjegat ukoll il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Nikol Borg vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru***[21]:

*Sfortunatament il-ligi ma tiddefinixxiex il-frazi "organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna". Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet* ***Edward Paul Tanti v. Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru****, din il-Qorti irriteniet illi "Ghalkemm huwa minnu li d-definizzjoni ta' 'eghmil amministrattiv' teskludi 'xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni interna jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`', din l-eskluzjoni ma tirriferix ghal decizjoni bhal dik li qed jilmenta minnha l-appellant – cioe` jekk hu ghandux jinghata pensjoni skond il-grad li bih huwa spicca minn mac-civil jew il-grad ekwivalenti ghax-xoghol li effettivament kien jaghmel – izda tirreferi biss, kif jindika l-uzu tal-kelma 'interna', ghal affarijiet organizzattivi u amministrattivi interni ta' l-awtorita`, bhal per ez. tqassim ta' xoghol, orarji ta' xoghol, proceduri ta' kif isir ix-xoghol fi hdan dik l-awtorita`."*

*In oltre jidher li fir-redazzjoni ta' l-Artikolu 469A, il-legislatur kien in parti ispirat mill-pozizzjoni legali taht id-*

[21] Appell Ċivili Nru 1829/2000/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 ta' Jannar 2006

*dritt amministrattiv franciz. Fil-fatt, mhux biss ir-ragunijiet li ghalihom jista' wiehed jitlob stharrig gudizzjarju ta' att amministrattiv huma simili, izda anki taht id-dritt amministrattiv Franciz, l-hekk imsejha "mesures d'ordre interieur administratives" ma jistghux jigu mistharrga mit-tribunali amministrattivi. L-awturi* ***L. Neville Brown u John S. Bell*** *fil-ktieb taghhom* ***French Administrative Law*** *(ed. 1993 pag. 154-155) jghidu hekk:*

***"The French draw a distinction between actes administratifs and those measures which may be regarded as no more than the administration putting its own house in order. Such domestic 'house-rules' are described as measures of purely internal orgnisation within the administration (mesures d'ordre interieur administratives) and are not normally open to judicial review at all. Thus one cannot challenge a departmental circular giving advice (as distinct from directives) on the interpretation of a statute; nor an instruction about school uniform or curricula ... A similar attitude is taken towards disciplinary measures in the armed forces. ... ... But above a certain point the administrative measure may become, because of its gravity, an acte administratif within the cognizance of the administrative judge (see CE 26 January 1966 DAVIN, where the peremptory expulsion of a pupil from a state school was adjudged so grave a sanction as to fall outside the category of such 'measures', and to be an acte administratif open to judicial review)."***

55. Applikati l-prinċipju legali fuq esposti għall-każ odjern, din il-Qorti rat illi t-talba tar-rikorrent kienet sabiex ir-rikorrent, illi m'huwiex impjegat mal-

Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport, jiġi ingaġġat bħala impjegat mal-istess Ministeru fuq bażi indefinita ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.108. Ir-risposta da parti tal-Ministeru kienet fis-sens illi:

> *"[...] jiġi ippreċiżat il-fatt illi huma* [cioe r-rikorrent u oħrajn fl-istess sitwazzjoni tiegħu] *ġew ingaġġati bħala trainers u kif jixhed l-istess avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern dan huwa kuntratt li qed jitlob servizz ta' trainer u mhux bħala impjegat fir-rwol ta' għalliem fejn huma meħtieġa kriterji oħra stabiliti sabiex wieħed ikun eleġibbli u jitqies għalliem."*[22]

56. Din il-Qorti tirrileva illi, meta ffirma l-*contract for service*, ir-rikorrent kien ben konxju tal-fatt illi huwa ma kienx ser jiġi impjegat mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, iżda illi kien qiegħed jiġi inkarigat sabiex jippresta s-servizz tiegħu ta' *trainer* bħala persuna *self-employed*. Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni komunikata lilu permezz tal-ittra datata 29 ta' Jannar 2021 ma kellhiex titqies bħala deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet t'impjieg tar-rikorrent jew deċiżjoni illi kienet ser taffettwa d-drittijiet tiegħu bħala impjegat, ikkunsidrat il-fatt illi, effettivament, huwa qatt ma kien impjegat mal-Ministeru. Għall-kuntrarju, kellha titqies bħala waħda determinata mill-mod kif il-Ministeru għall-Edukazzjoni għażel illi jorganizza l-i*staff* tiegħu u l-provdituri ta' servizzi minnu mqabbda. Dan kien każ fejn il-Ministeru għażel illi, minflok jimpjega għalliema, jitlob servizz ta' *trainers* u jilħaq ftehim magħhom f'*contract for service*, għaliex ħass illi hekk kien jeħtieġ. Kien ukoll każ fejn saret distinzjoni bejn sejħa għal għalliema u espressjoni t'interess għal *trainers*, liema distinzjoni kienet evidenti mill-kwalifiki illi kienu rikjesti minn persuni illi japplikaw sabiex jiġu impjegati bħala għalliema b'kuntrast ma' dik rikjesta minn persuni illi rrispondew għas-sejħa ta' Espressjoni t'Interess sabiex jipprovdu s-servizz ta' *trainers*;

[22] Vide **Dok D** a fol 16 tal-proċess

57. Din il-miżura, fil-fehma tal-Qorti, tikkostitwixxi miżura meħuda għall-organizzazzjoni interna jew amministrazzjoni tar-riżorsi umani fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, u hija għalhekk eskluża mid-definizzjoni ta' *"egħmil amministrattiv"* kontemplata mill-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

58. Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti sejra **tilqa'** l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati fis-sitt (6) paragrafu tar-risposta tagħhom, u **tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

**Decide**

59. Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

i. **Tilqa'** t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati u tillibera lis-Segretarju Permanenti Prinċipali u lill-Ministru tal-Edukazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. **Tiċħad** l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati;

iii. **Tilqa**' s-sitt eċċezzjoni sollevata mill-intimati, b'dana illi tiddikjara illi l-każ odjern jaqa' taħt l-eċċezzjoni għad-definizzjoni ta' *"egħmil amministrattiv"* stabbilita fl-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u konsegwentement

iv. **Tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**